Nitolbu biex il-poplu nisrani, minn jum għal ieħor, jissaħħaħ fil-virtù u biex dawk kollha li jinsabu mtaqqlin minn ħafna ħtiġijiet ikollhom l-għajnuna tal-grazzja mis-sema.
**Nitolbu** *Ismagħna, nitolbuk, Mulej.*

Nitolbu biex l-Ispirtu s-Santu jġedded fil-miżżewġin kollha li jinsabu hawn il-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ.
**Nitolbu** *Ismagħna, nitolbuk, Mulej.*

Nitolbu 'l Mulej biex jilqa' fi ħdanu 'il dawk kollha li m'għadhomx magħna, b'mod speċjali n-nanniet tagħna. Agħtihom Mulej il-ferħ ta' dejjem, il-ferħ li ma jintemm qatt.
**Nitolbu** *Ismagħna, nitolbuk, Mulej.*

Nitolbu għall-Knisja, il-Poplu t'Alla, u għall-paċi bejn il-bnedmin.
**Nitolbu** *Ismagħna, nitolbuk, Mulej.*

Fit-tjieba tiegħek, Mulej, sawwab l-Ispirtu ta' mħabbtek f'dawn l-għarajjes biex ikunu qalb waħda u ruħ waħda ħalli xejn ma jifred dak li għaqqadt u xejn ma jġarrab dak li int imlejt bil-barka tiegħek.
Bi Kristu Sidna. **Amen.**

## IT-TALBA FUQ L-OFFERTI

Uri lilna, Mulej, il-ħniena tiegħek għat-talb umli tagħna, ilqa' b'ħarsa ta' tjieba l-offerti li qegħdin nagħmlulek, għal dawn il-qaddejja tiegħek l'għarusa u l'għarus li għadek kemm għaqqadt bejniethom fir-rabta qaddisa taż-żwieġ biex b'dawn il-misteri qaddisa jitwettqu f'imħabbtek u fl-imħabba ta' xulxin. Bi Kristu Sidna. **Amen**

## IL-BARKA SOLENNI FUQ L-GĦARAJJES

Missier qaddis, int għamilt il-bniedem xbieha tiegħek, raġel u mara ħlaqthom, biex, magħquda ġisem wieħed u qalb waħda, jaqdu dmirhom fid-dinja. Int, biex turina l-pjan ta' mħabbtek, ridt li l-imħabba ta' l-għarajjes għal xulxin tkun qisha x-xebh ta' dik ir-rabta li int stess għoġbok tagħmel mal-poplu tiegħek, sabiex, meta r-rabta bejn ir-raġel u l-mara fiż-żwieġ bdiet isseħħ bħala Sagrament, aħna għarafna fiha l-misteru ta' l-għerusija bejn Kristu u l-Knisja. Fil-ħniena tiegħek, nitolbuk, Mulej, midd lemintek fuq dawn il-qaddejja tiegħek l'għarusa u l'għarus, u sawwab fi qlubhom il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Agħmel, Mulej, li dawn il-qaddejja tiegħek f'din ir-rabta li daħlu għaliha fis-sagrament taż-żwieġ, jaqsmu bejniethom id-doni ta' mħabbtek u jsiru qalb waħda u ruħ waħda, u b'hekk ikunu xhieda għal xulxin tal-preżenza tiegħek fosthom. Agħtihom ukoll Mulej li jżommu b'ħidmiethom il-familja li jtellgħu, u jżejnuhom biex ikunu membri tal-familja tiegħek tas-sema. Lil din il-qaddejja tiegħek l'għarusa , fawwarha b'kull barka, biex taqdi kif jixraq dmirijietha ta' mara miżżewġa u ta' omm, tieħu ħsieb darha b'għożża safja, u żejjinha bl-imġiba ħelwa tagħha. Lil dan il-qaddej tiegħek l'għarus, ukoll bierku Mulej, barka mis-sema, biex jaqdi kif jixraq dmirijietu ta' raġel fidil u ta' missier li jaħseb għall-familja tiegħu.Agħmel, Missier qaddis, li dawn li żżewġu quddiemek illum u b'ħerqa se jersqu għall-mejda tiegħek, jaslu wkoll biex jithennew bis-sehem fil-mejda tiegħek tas-Sema.

## IT-TALBA TAR-RINGRAZZJAMENT

O Mulej, infaħħruk, u nirringrazzjawk għal tjubitek u għal dak kollu li għamilt ma' l'għarusa u l'għarus. Bierek lill-ġenituri tagħhom li rabbewhom b'tant għożża, u poġġewk fiċ-ċentru ta' ħajjithom. F'dan il-jum hekk speċjali nitolbuk li tkompli tibgħat l-Ispirtu ta' qdusija fuqhom biex ikunu xhieda ta' mħabbtek fid-dinja. Agħmel li bħal ommna Marija, jaċċetaw dak kollu li trid Int f'ħajjithom. Dawwalhom Mulej biex jaraw lilek aħjar. Dawwalhom Mulej biex dejjem jaraw aħjar lil xulxin bil-ħafna tajjeb u sabiħ li hemm fihom. Dawwalhom Mulej biex jaraw is-sabiħ tal-ħajja. Dawwalhom Mulej biex isibu t-toroq li jwasslu għall-paċenzja, għat-tolleranza, għall-maħfra. Kompli għaqqadhom u saltan fi qlubhom, biex l-imħabba bla kundizzjoni li rċevew mingħandek, ikunu kapaċi jgħadduha lil xulxin. **Amen**

## IT-TALBA TA' WARA T-TQARBIN

Issa li ħadna sehem mill-mejda tiegħek, nitolbuk, Mulej, li dawk li ntrabtu fis-Sagrament taż-żwieġ jibqgħu dejjem magħquda miegħek u jxandru ismek lill-bnedmin.
Bi Kristu Sidna. **Amen**

## IR-RIT TA' L-GĦELUQ

Alla l-Missier ta' dejjem iżommukom qalb waħda fl-imħabba ta' bejnietkom, l'għarusa u l'għarus, biex is-sliem ta' Kristu jgħammar fikom u f'darkom għal dejjem. **Amen.**

J'Alla jkollhom il-barka fuq il-familja tagħkom, il-faraġ mill-ħbieb, u s-sliem tassew ma' kulħadd. **Amen.**

Kunu xhieda ta' l-imħabba t'Alla fid-dinja sabiex l-imsejknin u l-foqra li tħennu għalihom u tieqfu magħhom f'din il-ħajja, iroddulkom ħajr u jilqgħukom fil-ħajja ta' dejjem. **Amen.**

U lilkom ilkoll li tinsabu hawn miġbura, iberikkom Alla li jista' kollox, il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu Santu. **Amen.**

Morru fil-paċi ta' Kristu. **Inroddu ħajr lil Alla.**

*Ċelebrant:* ................................

*Xhieda:* ................................
................................

*Bestman:* ................................

*Maid of Honour:* ................................

*Bridesmaid:* ................................

*Ushers:* ................................
................................

*Ring Bearer:* ................................

*Letturi:* ................................
................................
................................



*Tifkira tal-Quddiesa taż-Żwieġ*
*ta'*
*isem l'għarusa u isem l'għarus*
*id-data u il-knisja*

## IR-RIT TAL-BIDU

Fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. **Amen**

Il-grazzja ta' Sidna Ġesu Kristu, l-imħabba t'Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu, tkun magħkom ilkoll. **U miegħek ukoll.**

**Glorja ...**

O Alla, meta int ħlaqt il-bniedem, ridt li r-raġel u l-mara jkunu ħaġa waħda flimkien. Dawn il-qaddejja tiegħek l-għarusa u l-għarus ukoll se jingħaqdu bejniethom bir-rabta taż-żwieġ. Żommhom marbuta fil-għożża ta' xulxin, biex bħalma tgħinhom bil-frott ta' din l-imħabba, tagħtihom ukoll li jkunu xhieda tagħha quddiem kulħadd. B'Ibnek Ġesu Kristu Sidna, li hu Alla u miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

## IL-LITURĠIJA TAL-KELMA

## L-EWWEL QARI

Qari mill-Ktieb ta' Tobit

Wara ż-żwieġ, Tobija qal lil Sara: "Oħti, qum ħa nishru u nitolbu quddiem Sidna li jagħmel ħniena magħna u jsalvana". Sara qamet u bdew jitolbu bil-ħniena s-salvazzjoni u jgħidu: "Imbierek int, O Alla ta' missirijietna, u nbierek ismek għal dejjem ta' dejjem. Int għamilt lil Adam, u tajtu b'martu lil Eva bħala għajnuna u appoġġ u minnhom it-tnejn tnisslu l-bnedmin. U int għidt: "Mhux sewwa li r-raġel jibqa' waħdu, ħa nagħmlu għajnuna li tkun tixbhu". U issa jien lil din oħti ma żżewwiġthiex għall-passjoni tal-ġisem, imma fis-sewwa. Agħmel ħniena miegħi u magħha ħa nixjieħu flimkien." U qalu flimkien it-tnejn: "Amen. Amen." U dak il-lejl raqdu.
Il-Kelma tal-Mulej. **Inroddu ħajr lil Alla.**

## SALM RESPONSORJALI

***Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.***

Kull ħin inbierek il-Mulej, tifħiru dejjem fuq fommi. Bil-Mulej tiftaħar ruħi, jisimgħu l-fqajrin u jifirħu.
*Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.*

Xandru l-kobor tal-Mulej miegħi; ħa ngħollu ismu flimkien. Jien fittixt il-Mulej, u weġibni, minn kull biża' tiegħi ħelisni.
*Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.*

Ħarsu lejh u jiddi bil-ferħ wiċċkom, u ma jkollkomx għax tistħu. Dan il-fqajjar sejjaħ u l-Mulej semgħu, u mid-dwejjaq kollha tiegħu ħelsu.
*Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.*

L-anġlu tal-Mulej igħasses madwar dawk li jibżgħu minnu, u jeħlishom, ppruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej, hieni l-bniedem li jistkenn fih.
*Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.*

*** fejn hemm miktub l'għarus jew l'għarusa irried jigi mibdul bl-ismijiet tal-koppja**

## IT-TIENI QARI

Qari mill-ittra ta' San Pawl Appostlu lil Kolossin.

Ħuti: intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu, ilbsu mela sentimenti ta' tjieba, ħniena, ħlewwa, u sabar. Stabru b'xulxin u, jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla. Ħalli l-bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bl-għerf kollu u widdbu lil xulxin b'salmi u innijiet u għana spiritwali u b'radd il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla. Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesu, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu.
Il-Kelma tal-Mulej. **Inroddu ħajr lil Alla.**

**Hallelujah! Hallelujah!**
*Jekk inħobbu lil xulxin, Alla jgħammar fina u mħabbtu ssib il-milja tagħna fina*. **Hallelujah**

## L-EVANĠELJU

Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann

F'dak iż-żmien, Ġesu qal lid-dixxipli tiegħu: "Dan hu l-kmandament tiegħi li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien. Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. Intom ħbiebi jekk tagħmlu dak li jiena nikkmandakom. Ma nsejħilkomx aktar qaddejja, għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel sidu; sejjaħtilkom ħbieb għaliex kull ma smajt mingħand Missieri jien għarrafthulkom. Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom, u ħtartkom biex tmorru u tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa', ħalli kull ma titolbu lil Missieri f'ismi, huwa jagħtihulkom".
Il-Kelma tal-Mulej. **Tifħir lilek Kristu.**

## IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAŻ-ŻWIEĠ

Għeżież tiegħi,
Intom ġejtu l-knisja biex il-Mulej iwettaq ir-rieda tagħkom li tintrabtu biż-żwieġ b'siġill qaddis quddiem il-ministru ta' Alla u l-ġemgħa tal-Knisja. Fuq din l-imħabba tagħkom ta' miżżewġin Kristu jsawwab kotra ta' barka, u lill-insara, li huma kkonsagrati bil-Magħmudija mqaddsa, jagħnihom u jqawwihom b'sagrament speċjali biex iżommu ruħhom dejjem fidili lejn xulxin, u jilqgħu d-dmirijiet l-oħra taż-żwieġ. Għalhekk, quddiem il-Knisja, se nagħmlilkom dawn il-mistoqsijiet dwar r-rieda tagħkom.

**Ċelebrant:** l'għarusa u l'għarus, ġejtu intom hawn minn rajkom, għax ridtu u mingħajr ma kontu mġiegħlin, biex tintrabtu flimkien fiż-żwieġ?

**l'Għarusa u l'Għarus:** Iva, ġejna minn rajna, mingħajr ħadd ma ġiegħlna.

**Ċelebrant:** Intom lesti biex tibqgħu mexjin f'din it-triq taż-żwieġ, u tħobbu u tirrispettaw lil xulxin tul ħajjitkom kollha?

**l'Għarusa u l'Għarus:** Iva, lesti li nħobbu u nirrispettaw lil xulxin tul ħajjitna kollha.

**Ċelebrant:** Intom lesti li tilqgħu bl-imħabba l-ulied li Alla jogħġbu jibagħtilkom, u trabbuhom skond il-liġi ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu?

**l'Għarusa u l'Għarus:** Iva, lesti nilqgħu mingħand Alla l-ulied li jogħġbu jibagħtilna u nrabbuhom skond il-liġi ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu.

## IL-KUNSENS

**Ċelebrant:** Mela la darba għandkom il-fehma li tidħlu għar-rabta taż-żwieġ, żommu idkom il-leminija f'ta' xulxin u fissru l-kunsens tagħkom quddiem Alla u l-Knisja Tiegħu.

**l'Għarus:** Jiena, l'għarus:, nieħu lilek l'għarusa b'marti u nwiegħdek li nżomm ruħi fidil lejk, fir-riżq it-tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa, u li nħobbok u nirrispettak tul ħajti kollha.

**l'Għarusa:** Jiena, l'għarusa, nieħu lilek l'għarus b'żewġi u nwiegħdek li nżomm ruħi fidila lejk, fir-riżq it-tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa, u li nħobbok u nirrispettak tul ħajti kollha.

**Ċelebrant:** Iwettaq il-Mulej fi tjubitu dan il-kunsens li għandkom kemm fissirtu quddiem il-Knisja u jimliekom bil-barka tiegħu. Dak li jgħaqqad Alla, m'għandux jifirdu l-bniedem. Inbierku 'l Mulej
**Inroddu ħajr lil Alla**

## IT-TBERIK U L-GĦOTI TAĊ-ĊRIEKET

Ibierek il-Mulej dawn iċ-ċrieket li intom sejrin tagħtu lil xulxin bħala sinjal ta' l-imħabba u fedeltà tagħkom.
**Amen.**

**l'Għarus: l'Għarusa, ħu dan iċ-ċurkett bħala sinjal ta' mħabbti u tal-fedeltà tiegħi lejk. Fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu.**

**l'Għarusa: l'Għarus, ħu dan iċ-ċurkett bħala sinjal ta' mħabbti u tal-fedeltà tiegħi lejk. Fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu.**

## IT-TALB TAL-ĠEMGĦA

Ħuti egħżież, aħna u niftakru fid-don speċjali ta' grazzja u ta' mħabba li bih Alla għoġbu jqaddes u jwettaq lil dawn ħutna l'għarusa u l'għarus, nitolbuh jilqagħhom taħt il-ħarsien tiegħu. Nitolbu biex dawn l-insara ħutna, l'għarusa u l'għarus, li għadhom kemm intrabtu flimkien bi żwieġ imqaddes igawdu qawwa u saħħa għal dejjem.
**Nitolbu** *Ismagħna, nitolbuk, Mulej.*

Nitolbu 'l-Mulej ibierek iż-żwieġ tagħhom kif qaddes it-tieġ f'Kana tal-Galilija.
**Nitolbu** *Ismagħna, nitolbuk, Mulej.*

Nitolbu li jkollhom imħabba perfetta bejniethom, sliem u għajnuna biex ikunu jistgħu jagħtu xhieda sabiħa ta' l-isem nisrani.
**Nitolbu** *Ismagħna, nitolbuk, Mulej.*